FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)

SEDUTA TA' NHAR 15 T'OTTUBRU 2001

PULIZIJA
SPETTUR MARIO BONELLO
VS
MARK DIMECH

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mark Dimech ta' 18 il-sena bin Peter u Jacqueline nee Bugeja imwieled Pieta fl-14 ta' Jannar 1982 u joqghod 13, flat 1, St Thomas Street, Rabat, li ghandu karta tal-identita numru 71282M talli fl-20 ta' Lulju 2000 ghal habta tas-01.00am gewwa H'Attard bil-hsieb li jaghmel offizi ta' natura gravi fuq l-ahwa Borg min Hal Lija wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu.

Talli fl-istess perjodu, zmien, lok u cirkostanzi hedded lil ahwa Borg bi strument li jaqta u bil-ponta.

Talli fl-istess perjodu, zmien lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Talli l-istess perjodu, zmien, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara fl-apparat tat-telefon liema hsara ma tiskorriex is-somma ta’ ghaxar liri maltin ghad-detriment tal-Maltacom plc.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib htija fl-imputat.

Rat il-kunsens tal-imputat sabiex jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni jirrizulta illi l-ahwa Borg kienu marru l-ghassa tal-Pulizija fit-22 ta’ Lulju 2000 jirrapurtaw illi l-imputat kien gera warajhom u ghamel ghalihom b’sikkina u meta pprovaw jsejjhu l-ghajnuna permezz tat-telefon kien sahansitra qata il-wire tat-telephone box nru 3203 9fi Tri il-Mithna Lija). Inoltre l-imputat kien hadilhom c-cwievet tal-van taghhom- (ara xhieda fol 8-9).

Clinton Borg (ara xhieda fol 4 sa 17) xhed illi huwa u huh Maverick kienu telghu minn Hal Lija fil-van taghhom u qalghet karozza Marina u ghalqet it-triq. L-ahwa Borg nizlu mill-van u l-imputat li kien fil-Marina nizel u resaq lejhom u l-ahwa indunaw li kellu sikkuna fidu ta’xi tmien pulzieri. Clinton jghid li beda jersaq lura u l-imputat beda javvicinah bis-sikkina f’idu.

Illi dana tal-ahhar beda jigri bl-imputat jigri warajh u pprova jaghmel telefonata min telephone booth pero l-imputat li baqa jigri warajh, dahal fit-telephone booth u beda jkiser fiha waqt li Clinton Borg telaq jigri lura.

Sussegwentement l-imputat resaq lejn karozza u qala c-cwievet tal-van tal-ahwa Borg. Maverick Borg kien baqa jistahba wara il-van u Clinton nizel hdejh. Waqt li kien nizel bil-vettura tieghu, l-imputat waqaf fejn il-van tal-ahwa Borg u qalilhom li jekk riedu c-cwievet tal-van kellhom jmorru jfittxuh il-Gzira.

Wara dan l-ahwa Borg marru jaghmlu rapport l-Ghassa. Illi xi jumejn qabel l-incident l-imputat kien dahal fil-van tal-ahwa Borg bil-car tieghu u l-van garrab hsara ta' xi Lm100.

Fuq dan l-incident ma sarx rapport. Clinton haseb illi din il-kwistjoni inqalghet minhabba t-tfajla tieghu, ghaliex din kienet tohrog mal-imputat qabel u l-imputat kien hassar min maghha.

Maverick Borg kkorrobora l-fatti elenkati min huh Clinton.

Illi jirrizulta illi l-hsara imwettqa fuq it-telephone box giet imhallsa mil-imputat li hallas wkoll ghal hsara li wettaq fil-van tal-ahwa Borg (ara Dok MD a fol 30 u x-xhieda ta' Alfred Scicluna tal-Maltacom a fol 47).

Ikkunsidrat:-

Illi mill-fatti fuq esposti jidher car illi l-agir tal-imputat kien intiz biss biex jbezza u mhux biex jwegga u huwa evidenti ili l-incident kien frott il-gelosija qawwija li hakmitu meta ra t-tfajla li allafine hassar min maghha hu, hierga ma habib tieghu.

Illi ghalhekk il-Qorti fi tal-fehma li l-ewel akkuza zgur li ma tissustix pero l-akkuzi l-ohra huma pprovati skond il-ligi.

Din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat ghamel tajjeb ghal hsara kollha li wettaq kemm ghal dak li jirrigwarda il-Maltacom kif wkoll ghal dak li jirrigwarda il-van tal-kwerelanti.

Ghalhekk din il-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni, tielet, u r-raba akkuza u wara li rat Art 339(1)(e), 13, 19, 325 u Art 28A tal-kap 9 u tikkundanna lill-imputat ghal xahrejn prigunerija sospizi ghal sena.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA

DEP.REG.